MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 715/2006

**Talba Nru: 715/06VGD**

Dr. Michelle Tabone (Id. 138371M) fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof.

Vs

Joseph Olivier Ruggier.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici nomine talbet il-hlas tas-somma ta' mija, disa u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm149.80) minghand il-konvenut, bhala hlas ta' appogg li sar minnu mal-hajt ta' Aurora Hall, Main Street, Balzan, skond kont mahrug mill-Perit Catherine

Galea (Dok. A). Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali prezentata fit-2 ta’ Gunju 2006 (numru 3515/06) ghat-tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 (Dok. B).

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi (i) preliminarjament il-pretensjonijiet attrici nomine huma preskritti a bazi tal-preskrizzjoni kwinkwennali skond Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) illi inoltre u fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lill-attrici noe.; u (iii) salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra l-affidavit ta’ Fr. Kalcidon Vassallo, u d-dokumenti kollha annessi ma’ l-istess affidavit.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Catherine Galea prodotta mill-attrici nomine.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Joseph Olivier Ruggier.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attrici nomine f’din il-kawza qed titlob il-hlas ta’ appogg minghand il-konvenut, u dan skond kont kif mahrug mill-Perit Catherine Galea (Dok. A), fl-ammont ta’ Lm149.80.

Skond ix-xhieda ta’ Fr. Kalcidon Vassallo, prodott mill-attrici nomine, l-konvenut kien zviluppa l-art fuq il-parti ta’ wara tal-fond Aurora Hall, Main Street, Balzan, liema fond jappartjeni lill-parrocca ta’ Hal Balzan, u peress illi l-konvenut kien appoggja mal-hajt ta’ l-Aurora Hall, huwa

kien qabbad lill-Perit Galea sabiex tohrog kont ta’ l-ammont dovut ghall-appogg. Fr. Vassallo xehed illi huwa kien talab lill-Perit sabiex tohrog il-kont ftit xhur wara li kien sar l-appogg, u fil-fatt il-Perit harget il-kont taghha fil-25 ta’ Ottubru tas-sena 2001. L-istess xhud qal illi huwa kien iltaqa mal-konvenut li qallu li kien ser ihallas l-ammont mitlub, izda ghaddew ix-xhur u l-hlas qatt ma sar. Ix-xhud kien anki baghat diversi ittri lill-konvenut fejn talab il-hlas, izda xorta wahda dan il-hlas ma sarx da parti tal-konvenut.

Ix-xhud Catherine Galea prodotta mill-attrici nomine xehedet illi hija kienet giet inkarigata mill-Arcipriet ta’ Hal Balzan sabiex tohrog kont ghall-appogg li sar ma’ l-Aurora Hall. Fix-xhieda taghha, il-Perit Galea kkonfermat il-kont minnha mahrug, u anki spjegat kif waslet ghall-kalkolu taghha. Mitluba tikkonferma meta sar l-appogg in kwistjoni, l-Perit Galea xehedet illi ma kenitx taf, u li ma setghetx tiftakar dan id-dettal. Izda meta giet mitluba tixhed dwar meta inghatat l-inkarigu taghha mill-Arcipriet, hija xehedet illi l-probabbilta’ kienet li dan kien inghata lilha xi xahar qabel ma harget ir-rapport taghha ghaliex kif hi stess spjegat, ma kenitx thalli x-xoghol pendenti ghal aktar minn hekk.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut xehed illi huwa kien zviluppa l-proprjeta’ li tmiss mal-proprjeta’ tal-attrici nomine, u cioe l-Aurora Hall, Main Street, Balzan, u li dan ix-xoghol ta’ zvilupp kien tlesta sas-sena 2000. Sussegwentement kien ircieva l-kont in kwistjoni, izda l-Perit tieghu kien qallu li ma jidhirlux illi kien hemm xi appogg x’jithallas u ghalhekk ma kienx hallas l-ammont mitlub, u lanqas qatt ma accetta li jhallas l-istess.

Il-konvenut xehed illi l-proprjeta’ tieghu li huwa kien zviluppa kienet tikkonsisti fi gnien u xi kmamar illi kienu jmissu mal-proprjeta’ tal-attrici nomine. Huwa xehed ukoll illi l-hajt divizorju ta’ bejn l-Aurora Hall u l-proprjeta’ tieghu kien imiss mhux biss mal-kmamar, izda anki mal-gnien, izda ma setghax jghid f’liema proporzjon. Huwa qal illi jiftakar li kienet giet il-Perit Galea sabiex tkejjel izda ma setghax jiftakar kemm ghadda zmien minn meta spicca x-

xoghol sakemm giet il-perit. Huwa xehed ukoll illi wara li giet il-Perit, huwa kien ircieva l-kont. Ix-xhud qal ukoll illi kien tkellem mal-Kappillan Vassallo diversi drabi dwar din il-kwistjoni u li kien anki wera l-kont lill-perit tieghu. Il-konvenut pero xehed illi qatt ma kien qal lill-Kappillan li kien accetta li jhallas il-kont.

Illi t-Tribunal l-ewwel ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u cioe l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ hames snin, skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dan l-Artikolu jiddisponi hekk kif gej:- ‘*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.’*

Illi x-xhieda prodotti mill-attrici nomine jikkontendu illi x-xoghol tlesta fis-sena 2001, u dana a bazi ta’ zewg elementi. Fl-ewwel lok Fr. Vassallo xehed illi huwa kien qabbad il-Perit sabiex tohrog il-kont, ftit xhur biss wara li tlesta x-xoghol u l-Perit fil-fatt harget il-kont taghha fil-25 ta’ Ottubru 2001. Fit-tieni lok, il-Perit ukoll xehedet illi x’aktarx illi l-kont taghha hareg biss xi xahar wara li inghatat l-inkarigu taghha.

Min-naha tieghu, l-konvenut sempliciment xehed illi x-xoghol tlesta sas-sena 2000, izda ma gabx l-icken prova, la fattwali, u lanqas dokumentarja (bhal per ezempju l-ahhar kont mahrug mill-perit tieghu) in sostenn ta’ dak li qed jallega. Mill-banda l-ohra huwa jaccetta illi wara li tlesta x-xoghol kienet giet il-perit sabiex tkejjel, u wara li kienet giet tkejjel, kien ircieva l-kont taghha. Fl-ebda hin u mument ma jaghti l-impressjoni li ghaddew hafna xhur bejn meta tlesta x-xoghol u meta giet il-Perit tkejjel. Anzi, wiehed ghandu jifhem mix-xhieda tieghu, illi kollox gara f’temp ragonevoli ta’ ftit xhur qabel id-data tal-25 ta’ Ottubru 2001.

Il-konvenut sussegwentement kien gie notifikat b'ittra ufficjali fit-8 ta' Gunju 2006.

Peress illi ma giet prodotta l-ebda prova li turi illi ghaddew aktar minn hames snin minn mindu sar l-appogg, sakemm il-konvenut ircieva l-ittra ufficjali fuq imsemmija, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fil-mertu, dan it-Tribunal jidhirlu li l-attrici nomine rnexxilha tipprova illi l-appogg mertu tal-kawza effettivament sar, u l-Perit Galea spjegat ezattament kif l-ammont mitlub ghal tali appogg gie kkalkolat. Minn-naha tieghu, il-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu li m'hu dovut l-ebda ammont lill-attrici nomine. Id-difiza tieghu hija biss fis-sens illi l-perit tieghu, certu Anthony Fenech Vella kien qallu li '*ma jidhirlux li kien hemm xi appogg x'jithallas*'. Il-konvenut pero naqas li jipproduci din il-persuna bhala xhud.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Fit-tieni lok jilqa t-talba attrici, u konsegwentement jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici nomine s-somma ta' tlett mija, tmienja u erbghin Ewro u erba u disghin centezmu (€348.94), ekwivalenti ghal LM149.80 kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------